# Il-Leġjun ta' Marija fil-Parroċċa Tagħna: L-ISLA

minn Lino Zahra

*"Il-Legjun ta' Marija juri l-wiċċ veru tal-Knisja Kattolika"*

*(San Ġwann XX111, Papa)*

Il-Leġjun ta' Marija huwa għaqda ta' kattoliċi li bl-approvazzjoni tal-Knisja u taħt it-tmexxija qawwija ta' Marija, ingħaqdu biex flimkien jaħdmu bħala grupp fl-għalqa tal-Mulej.

L-iskop tal-Leġjun ta' Marija hu l-glorja t'Alla permezz tal-qdusija tal-membri tiegħu u l-evanġelizzazzjoni u l-qdusija tal-bnedmin u l-formazzjoni Nisranija tal-kuxjenza tagħhom.

Il-Leġjun ta' Marija beda fil-belt kapitali tal-Irlanda, Dublin, fis-7 ta' Settembru 1921, lejlet il-festa tat-Twelid ta' Marija u propju 3 ijiem biss wara li missirijietna nkurunaw l-istatwa tal-Bambina fl-Isla. F'Malta beda uffiċjalment fis-sena 1940 u l-ewwel Direttur Spiritwali kien Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali. L-Isla kienet waħda mill-ewwel parroċċi fejn beda jiffunzjona l-Legjun.

## IL-BIDU FL-ISLA

Il-bidu tal-leġjun fl-Isla kien fi żmien iebes ħafna. Il-gwerra kienet għadha ma spiċċatx, il-familji kienu ftit u mferrxa fil-ftit djar li kien għad baqa' wieqfa. Din il-belt f'dawk iż-żminijiet kellha dehra differenti: djar imġarrfa, toroq imħarbta u fuq kollox ma kienx hemm elettriku.

Iżda dawn l-affarjiet ma tappnux il-ħegga ta' żewġ leġjunarji, Mangion u Booker, li fis-sena 1943 marru jitolbu lill-Arcipriet Dun Emmanuel Brincat, biex jiftħu grupp tal-leġjun propju fl-Isla. Ġiet iffissata l-ewwel laqgħa u għaliha kien hemm preżenti Doris Barber, Helen Iles, Gwendoline Goodrham u Iris Gatt. Mons. J. Galea D.D, LL.D, kellem lil dawn il-membri u qalilhom biex ma jaqtgħux qalbhom għax l-ewwel leġjunarji ta' Dublin ukoll kienu ftit. Għat-tieni laqgħa attendew xi 20 membru u ntgħażlu l-uffiċjali:



*18 ta' Diċembru 1949: Il-leġjunarji tal-Isla kkonsagraw lilhom infushom lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija waqt funzjoni reliġjuża li saret fil-knisja tal-Porto Salvo meta l-parroċċa kienet għadha qed tinbena mill-ġdid.*

Dun Ġwann Karlu Burlò, Direttur Spiritwali; Rose Attard, President; D. Barber, Vici President; I. Gatt, Segretarja u G. Goodrham, Teżoriera. Fil-laqgħa ta' wara saret żjara minn Mangion u Booker fejn dawn spjegaw sewwa kif għandha ssir il-laqgħa skont il-Manwal tal-leġjun.

Il-ftuħ tal-Leġjun fl-aktar belt imwaqqa' u mġarrfa ta' dawn il-gżejjer kienet grazzja tremenda. Il-bażilika famuża tal-Isla kienet imġarrfa u l-leġjunarji l-ġodda kienu ħerqana li l-patruna speċjali tagħhom – il-Bambina – tagħtihom dak li l-Maltin kollha xtaqu f'dawk iż-żminijiet: ir-rebħa, il-vitorja. Issa fil-leġjun hawn Malta diġà kien hawn grupp li ħa l-isem *Our Lady of Victories*. Dan kien *praesidium* magħmul minn suldati stazzjonati hawn Malta li kienu jiffurmaw ir-reġiment tar-*Royal Irish Fusiliers*. Issa ġara, b'koinċidenza li mhux faċli tispjegaha, li dan ir-reġiment ħalla Malta fl-istess jum li l-uffiċjali l-ġodda tal-grupp tal-Isla attendew għall-ewwel darba għal-laqgħa tal-*Curia* (Distrett). L-isem għalhekk seta' jintiret u l-*praesidium* tal-Isla żamm, bl-akbar għożża, l-isem ta' *Our Lady of Victories* (Reġina tal-Vittorji).

## JIBDEW IL-BNIET

Ftit wara li nfetaħ il-grupp tal-kbar, Dun Ġwann Karlu Burlò ġabar ħafna tfal biex jifforma grupp tal-*Juniors*, li dak iż-żmien kien jiġbor fih *Juniors* u *Intermediates*. Dan il-grupp ħa l-isem ta' *Our Lady of Guadeloupe*. Dan l-isem intgħażel għaliex fil-knisja ta' San Filippu (li dak iż-żmien kienet qed tintuża bħala parroċċa) kien hemm l-uniku altar f'dawn il-gżejjer iddedikat lill-Madonna taħt dan it-titlu.



1960: *Il-Juniors tal-Isla wara irtir fl-istitut Vincenzo Bugeja, il-Ħamrun.*

L-ewwel uffiċjali tal-*Juniors* kienu Rose Attard, *teacher*, u Doris Barber, *State Registered Nurse*. Dun Ġwann Karlu Burlò, id-Direttur Spirtiwali, kien iżomm il-laqgħat tal-*Juniors* (kif ukoll tal-kbar) fid-dar tiegħu f'213, Triq iż-Żewġ Mini, l-Isla. Hu kien ukoll ilaqqa' lil-leġjunarji u l-familjari tagħhom fid-dar tiegħu fil-ġranet tal-karnival meta l-leġjunarji kienu jorganizzaw xi reċti għall-familjari.

Fl-1948 il-Kanonku Burlò sar Arċipriet tal-Isla u peress li ma setax ilaħħaq ma' kollox, irriżenja minn direttur spiritwali. Ftit wara ġie appuntat Fr. Richard Born O.P. bħala Direttur Spiritwali għall-*praesidia*, u baqa' f'din il-kariga sa ftit żmien qabel ma miet. Fr. Born kien jagħti eżempju sabiħ lil kull min kien jarah ġej mill-Birgu bil-mixi fix-xita u fix-xemx xi darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa għal-laqgħat kollha tal-leġjun.

## IL-GRUPP TAL-LEĠJUN GĦALL-PRIĠUNIERI TAL-GWERRA

Fi żmien il-gwerra, għadd ta' priġunieri Taljani kienu stazzjonati Verdala. Dun Ġwann Karlu Burlò ħa l-inkarigu biex jifforma grupp tal-leġjun fost dawn il-priġunieri. It-tħejjijiet għal dan il-grupp saru bejn il-15 ta' Ottubru 1944 u l-21 ta' Ġunju 1945, meta wasal Malta Manwal bit-Taljan u xi *tessere*. Il-grupp, li ħa l-isem *Nostra Signora di Pompei*, beda jiltaqa' formalment, iżda minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali ta' dawn il-leġjunarji, il-kamp tal-ħidma kien limitat. Minkejja dan kien hemm xi riżultati tassew tajbin. L-uffiċjali ta' dan il-*praesidium* kienu: Dun Ġwann Karlu Burlò, Direttur Spiritwali; A. Ferniani, President; B. Moriando, Viċi President; A. Caproni, Segretarju u A. Redavati, Teżorier. Ta' min isemmi li l-uffiċjali kienu kollha żgħar fl-età.

Kienet sorpriża kbira li tara erba' priġunieri jakkumpanjaw lid-Direttur Spiritwali fi triqthom għal-laqgħa tal-*Curia*. Ir-rapport ta' dan il-*praesidium* inqara bit-Taljan fil-laqgħa tal-*Curia* li saret il-Ħadd, 21 ta' Ottubru 1945, u billi dawn il-priġunieri tal-gwerra kellhom imorru lura f'art twelidhom, il-grupp ingħalaq. Kien hemm tama qawwja li permezz ta' dan il-grupp, il-leġjun seta' jinfirex aktar fl-Italja.

## IX-XOGĦOL TAN-NISA

Ix-xogħol tal-kbar għall-ewwel kien ħafna devozzjonijiet u kuntatti f'uffiċini u *bars*, fejn sar ħafna ġid. Mill-uffiċini kellna l-ewwel *convert* għar-reliġjon tagħna. Sar ukoll qrar ta' persuni mbiegħda mill-Knisja għal snin kbar. Wara nbdew il-konsagrazzjoni tal-familji. Meta l-Isla reġgħet bdiet tinbena wara l-gwerra, il-leġjunarji kienu jduru dar dar b'ċensiment tal-parroċċa. Wara sar ukoll ċensiment tal-emigranti.

Fr. Maurice Grech kien talabna nżuru l-familji tat-tfal li qegħdin f'orfanatrofju, u konna nżuru l-familji tal-Kottonera. Xogħol ieħor kien li jitqassmu *leaflets* lill-*English speaking* biex iħajruhom għat-taħdidiet tan-*Non Catholics* li kienu jsiru fil-kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara. Il-membri ġieli ħadu huma stess xi Ingliżi għal dawn it-taħdidiet. Il-membri nisa kienu jgħallmu l-katekiżmu lit-tfal tal-Kattoliċi Ingliżi u wkoll lill-kbar li ma kinux Kattoliċi, iżda li xtaqu jsiru. Kienu jagħtu pariri lill-emigranti qabel dawn iħallu Malta. Xogħol ieħor kien żjajjar lill-morda fl-isptarijiet u fid-djar.



*1965: Il-Praesidium Madonna tal-Midalja Mirakoluża waqt mawra għand il-Gizwiti fin-Naxxar.*

## JIBDEW L-IRĠIEL

F'Ottubru 1947 Bellizzi minn Ħaż-Żabbar kellu kollox lest biex jinfetaħ il-grupp tal-irġiel, iżda billi kien għad ma hemmx direttur spiritwali l-arċipriet ma ħassx li kellu jinfetaħ. Wara ftit Fr. Degabriele aċċetta li jsir hu Direttur Spiritwali u għalhekk beda jiffunzjona il-grupp tal-irġiel. L-ewwel uffiċjali kienu: Ido Serracino, President; Daniel Darmanin, Segretarju u Joseph Ghirxi, Teżorier. Diffikultajiet tal-bidu ma naqsux, saħansitra kien hemm anke min oġġezzjona għall-isem ta' dan il-grupp. Ħafna minn dawn l-oġġezzjonijiet kienu jinbtu mill-fatt li l-Leġjun hu għaqda barranija u dak iż-żmien ma tantx kienet issir distinzjoni bejn l-Irlanda u l-Ingilterra.

Issa billi fil-Kottonera kien hemm bosta loġoġ tal-mażunerija forsi xi wħud setgħu b'xi mod jassoċjaw din l-għaqda ma' dawn il-loġoġ, forsi taħt forma oħra. L-irġiel bdew iżuru l-morda u l-anzjani fl-isptar San Vinċenz. Hawn iltaqgħu ma' każ ta' anzjan li kien ilu 19-il sena ma jżuruh uliedu. Bil-kuntatti tal-membri l-anzjan, kellu x-xorti jara l-uliedu fl-aħħar xahar ta' ħajtu. Kienu jżuru l-ħwienet tax-xorb u jagħmlu kuntatti fil-każini u fil-pjazez, jieħdu l-Madonna fil-familji u jħajru għall-Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù u Marija, jieħdu nies fis-siġġu tar-roti l-quddies u jżuru l-morda fi djarhom.



*18 ta' Diċembru 1985: Il-membri attivi kbar tal-Isla.*

## TIXRID TAL-LEĠJUN F'PARROĊĊI OĦRA

Membri mill-Isla kkuntattjaw diversi kappillani bil-għan li jinfetħu gruppi tal-leġjun fil-parroċċi tagħhom fosthom: Ħaż-Żebbuġ, il-Birgu, Bormla, Santa Luċija, Birżebbuġa, il-Fgura, Wied il-Għajn, Ħal-Għaxaq, il-Kalkara, il-Marsa, l-Imqabba u Marsaxlokk. Fejn aċċettaw, il-membri Sengleani taw l-għajnuna tagħhom anke għal żmien twil.

## JIŻDIEDU IL-MEMBRI BNIET U JINFETAĦ GRUPP TAS-SUBIEN

Biż-żmien tant kien hemm membri bniet li kellu jinfetaħ grupp ieħor. Għalhekk kien hemm grupp sal-età ta' 14-il sena jissejħu *Juniors* u minn 14 sa 18-il sena jissejħu *Intermediates*. Grupp ieħor taż-żgħar nett, imsejjaħ *Study Circle*, kienu jingħabru u jitgħallmu ħjata, suġġetti ċiviċi u affarijiet oħra. Drama ma kinetx tonqos u matul is-snin il-membri żgħar u żgħażagħ dejjem itellgħu xi reċta għal-laqgħat tal-ġenituri, *rallies* tal-Awżiljarji u attivitajiet tal-leġjun fid-Distrett magħrufa bħala *Curia*.

Il-grupp tas-subien beda fl-1962 u l-ewwel laqgħat saru fil-kunvent ta' San Filippu. Meta żdiedu l-membri subien infetaħ grupp ieħor bħal tal-bniet għal adoloxxenti minn 14-il sena 'l fuq. Fost ix-xogħol ta' dawn iż-żgħażagħ wieħed isib il-ħsieb ta' żewġ anzjani bis-siġġu tar-roti li kienu jeħduhom il-knisja kull nhar ta' Ħadd u wieħed minnhom, li kellu bżonn ta' kumpanija, kienu jagħtuh ħafna għajnuna. Kienu jagħmluha ta' letturi (kien għadu fil-bidu), u jieħdu ħsieb tfal żgħar fil-knisja. Ħarġu għal xi żmien fuljett jismu *Għal Ħutna Awżiljarji* li kien jitqassam lil dawn il-membri. Membri żgħażagħ li baqgħu anke meta għalqu 18-il sena, kienu jieħdu ħsieb tal-abbatini tal-parroċċa u anke tal-Aspiranti tas-Sede tal-Azzjoni Kattolika.

## MATUL IŻ-ŻMIEN

Il-gruppi kollha tal-leġjun fl-Isla kkonsagraw ruħhom lil Qalb ta' Ġesù u Marija sa mill-ewwel żminijiet (1949). Il-membri attivi għamlu ħidmiet, u xi wħud għadhom sejrin sal-lum, li tista' tgħid jolqtu lil kull ambjent tal-komunità parrokkjali. Saru diversi żjajjar lil nies ta' xi setet, mażuni, nies li kellhom bżonn speċjali, familji li kellhom uliedhom f'xi orfanatrofju, eċċ. Ingħataw struzzjonijiet fuq il-katekiżmu lill-*converts* Ingliżi. Kien jinġiebu saċerdoti fil-każini għall-qrar fi żmien il-Milied, fid-Duluri u qrib il-festa tal-Bambina. Bdiet issir il-quddiesa tal-Ponta, u qabel bdiet l-adorazzjoni perpetwa fil-knisja ta' San Giljan, il-membri kienu jorganizzaw tliet sigħat adorazzjoni f'din il-knisja lejlet l-ewwel ġimgħa tax-xahar filgħaxija.

Sa minn żmien is-sittinijiet il-leġjunarji bdew jirreċitaw ir-rużarju fit-toroq fix-xhur ta' Mejju u Ottubru. Tintrama statwa tal-Madonna u r-residenti kienu jżejnuha bil-fjuri. Ġieli saru *slides* tar-Rużarju ukoll speċjament fix-xahar ta' Ottubru. Dan l-aħħar snin, b'sens ta' komunjoni fil-parroċċa, xi għaqdiet oħra qed jgħinu f'dan l-appostolat u l-irġiel tal-Azzjoni Kattolika u tal-Fratellanza tar-Rużarju qed jirreċitaw ir-rużarju fil-każini. Membri leġjunarji għinu fit-twaqqif ta' Ċentru għaż-żgħażagħ fis-Sede sakemm ġew is-Sależjani li bdew jieħdu ħsiebu huma. Membri għinu u għadhom jieħdu ħsieb grupp għall-ommijiet li għadhom jiltaqgħu kull ġimgħa. Kemm ilhom li twaqqfu l-kummissjonijiet fil-parroċċa u l-Kunsill Pastorali, membri jagħtu sehemhom fix-xogħol ta' dawn il-kummissjonijiet.



*Diċembru 1985: Bniet u subien, flimkien ma' Fr Paul Tonna S.J., waqt ir-reċta mużikali Robin Hood.*

Il-membri adoloxxenti u żgħażagħ dejjem taw sehemhom fl-attivitajiet li jsiru fil-parroċċa u anke fid-distrett: bħal *plays* reliġjuzi u profani, animazzjoni tal-quddies u adorazzjoni bil-kant u daqq, *pageants* fil-knisja, speċjalment fin-Novena tal-Milied u fis-Sibtijiet tal-Bambina, u oħrajn. Saru wkoll serati ta' tagħlim u divertiment għall-ġenituri tal-membri stess matul is-snin.

## LAQGĦAT TAL-PATRIZJI U GĦALL- MEMBRI AWŻILJARJI

Il-Laqgħat ta' Tagħlim għal kulħadd, magħrufa bħala Patrizji, issa ilhom isiru għal ħafna snin. Dawn ikunu darba fix-xahar fuq temi differenti u issa qed isiru fis-Sede fejn ikollna wkoll *refreshments*. Il-laqgħa ddum xi siegħa u nofs u jattendu xi 25 ruħ kull darba. Kulħadd hu mistieden għal dawn il-laqgħat ta' tagħlim.



*1990: Il-Praesidium Reġina tal-Vittorji waqt ħarġa flimkien ma' Fr Paul Tonna S.J.*

Ġieli saru wkoll xi laqgħat għall-membri tal-leġjun li ma jattendux il-laqgħa kull ġimgħa imma jgħidu ir-rużarju u t-talb tal-leġjun kuljum u jinkitbu bħala membri Awżiljarji. Kemm fil-laqgħat tal-Patrizji u tal-Awżiljarji jinġiebu kelliema differenti u esperti skont it-tema li tkun.

## IL-LEĠJUN ILLUM FL-ISLA

Ix-xogħol prinċipali tal-membri tal-leġjun huwa dak ta' żjajjar fid-djar u viżti lill-anzjani u l-morda. Il-membri jwasslu kliem ta' faraġ, kuraġġ u tama lil dawk kollha li jżuru filwaqt li jkomplu jħeġġu għall-prattika spiritwali, speċjalment biex kulħadd jersaq aktar ta' spiss lejn is-Sagramenti. In-nies jiġu mħeġġa jirreċitaw it-talba preferita tal-Madonna, ir-rużarju. Dan issir ukoll fil-pubbliku flimkien mal-għaqdiet tal-parroċċa, fix-xhur ta' Mejju u Ottubru. Il-membri jħeġġu ħafna għall-qari tal-Bibbja u jwasslu regolarment il-ktieb *Kliem il-Ħajja* lill-abbonati kollha tal-Parroċċa.

Xogħlijiet oħra li jagħmlu l-membri huma laqgħat ta' tagħlim għal kulħadd darba fix-xahar, kura ta' grupp ta' ommijiet ta' familji u żjajjar regolari fid-djar tal-anzjani tal-Isla u ta' Bormla fejn qed jitmexxew grupp tal-leġjun fost l-anzjani. L-adoloxxenti u żgħażagħ jgħinu fl-animazzjoni tal-quddies bil-kant, qari u sjega tal-vanġelu lit-tfal waqt il-quddiesa tal-ħdax nhar ta' Ħadd.

Bħalissa hawn żewġ gruppi tal-leġjun fl-Isla. Dak tal-kbar (irġiel u nisa) li jiltaqa' fis-Sede kull nhar ta' Tlieta' fis-6.30 p.m. u dak tal-adoloxxenti (subien u bniet) li jiltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-6.00 p.m. fis-Sede wkoll.

### "Il-ħsad huwa kbir iżda l-ħaddiema huma ftit." *(Matt. 9, 38)*

Adoloxxenti li jkunu għamlu l-Griżma u ma jibqgħux jattendu l-Mużew, jiġu mħeġġa jidħlu f'dan il-grupp li jgħinhom jgħixu ħajja aħjar kemm spiritwalment kif ukoll materjalment u soċjalment.

Kull adult jista' jsir membru tal-*Legion of Mary* billi jattendi għal-laqgħa tal-leġjun darba fil-ġimgħa u jagħmel xi forma ta' appostolat regolari. Min ma jistax jattendi regolarment jista' jsir membru Awżiljarju u jintrabat li jgħid ir-rużarju u it-talb tal-leġjun kuljum.